A.L. 293 ta' l-2003

ATT TA' L-2003 DWAR L-UNJONI EWROPEA (ATT V TA' L-2003)

Regolamenti ta' l-2003 dwar il- Moviment Ħieles tal-Prodotti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artiklu 4(2) ta' l-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dawn ir-Regolamenti.

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Moviment Ħieles tal-Prodotti.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

Tifsir.

2. Frażijiet u kliem f'dawn ir-regolamenti għandhom l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilhom fl-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea, fit-Trattat u fl-istrumenti relevanti ta' l-Unjoni Ewropea.

Moviment Ħieles ta' Prodott.

3. Ebda disposizzjoni ta' xi liġi ma għandha timpedixxi l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' prodotti legalment prodotti u mqegħda fis-suq fi Stat Membru barra minn Malta sakemm dak il-prodott jiżgura protezzjoni ekwivalenti għal dawk li jistgħu legalment jiġu prodotti u mqegħda fis-suq f'Malta.